# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

## MAGISTRAT

## DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.

## Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 ta' April, 2001

**Numru**

**Avviz numru: 168/01mm**

**Fogg Insurances Agencies Limited, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera assikuratrici Norwich Union International Insurance Limited, u dawn kif surrogati fid-drittijiet l-assikurat taghhom Claudio Gauci sia bil-polza u sia bil-ligi u l-istess Claudio Gauci**

**vs**

**Charles Abela**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba ta' l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u disgha u sittin lira Maltin (Lm669) danni subiti in segwitu ghall-incident stradali li gara fis-7 ta' Frar, 2000, gewwa l-Mriehel bejn il-vettura numru tar-registrazzjoni KAB – 049 propjeta' ta' l-attur Claudio Gauci u assikurata b'polza comprehenzive mas-socjeta' attrici assikuratrici u il-vettura numru tar-registrazzjoni FBY – 793 misjuqa mill-konvenut u ghal liema ncident kien jahti unikament il-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u dana prevja d-dikjarazzjoni li ghall-incident in kwestjoni l-konvenut kien unikament hati l-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta lis-socjeta assikuratrici tal-konvenut fl-istess jum tal-prezentata ta' l-Avviz, u dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Frar, 2001, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet ta' l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom

bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-23 ta' April, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit

Dep Reg